# KUNSILL LOKALI IL-QRENDI

**7, Triq il-Knisja, Il-Qrendi**

## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

### ID-DISA' LEĠISLATURA

**LAQGĦA NUMRU 21**

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar il-Ħamis, 15 ta' Jannar, 2026, fil-5.30pm.

**PREŻENTI:**

David Michael Schembri – Sindku

Anthea Sacco – Viċi Sindku

Karmenu Farrugia – Kunsilier

Marion Parnis – Kunsillier

Nina Skye Briffa – Kunsillier

**ASSENTI SKUŻAT:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Rachel Aquilina – Segretarju Eżekuttiv

**21.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

21.01.01 Il-membri kollha kien preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**21.02 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta numru għoxrin (20)**

21.02.01 Il-minuti tas-seduta numru 20, li kienu mibgħuta mal-Aġenda, ġew meqjusa bħala moqrija u proposti bħala korretti minn Nina Skye Briffa, issekondati minn Anthea Sacco. Il-minuti tal-laqgħa 20 ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**21.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

21.03.01 Is-Sindku qal li konna rċivejna mingħand l-ERA dwar proġett tal-EU rigward il-qawwa tad-dawl f'Wied iż-Żurrieq biex id-dawl jitbaxxa. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta għal diversi raġunijiet.

21.03.02 Is-Sindku semma' l-intervisti li kienu saru għal Librara. Hu ppreżenta r-rapport tal-bord u qal li l-bord kien issuġġerixxa li tintgħażel Stephanie Caruana għar-raġuni li l-unika kandidata li kellha ċertu esperjenza f'dan il-kamp. Il-Kunsil qabel unanimament mal-bord.

21.03.03 Is-Sindku qal li kien ġie ikkuntattjat minn ta' 'Bonġu Malta' u li kien ġie nfurmat li din ser issir fl-24 ta' Mejju. Anthea Sacco u Karmenu Farrugia issuġġerew li nieħdu l-opportunita' biex nippromwovu l-Festival tal-Patata.

21.03.04 Is-Sindku kkonferma li l-Festival tal-Patata kien ser isir fis-7 ta' Ġunju. Anthea Sacco qalet li, kif tgħaddi l-attivita' tal-Karnival, ser tibda tieħu ħsieb l-arranġamenti għal Festival.

21.03.05 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li delegazzjoni minn Klenjec kienu ser jiġu bejn il-5 u t-8 ta' Ġunju u li ser ikunu preżenti għal Festival tal-Patata. Hu qal li għamel ftehiem magħhom li l-Kunsill kien ser iħallas l-akkomodazzjoni għal-4 persuni u li din tkun reċiprokata meta jiġi mistieden il-Kunsill.

Is-Sindku qal li dan il-ftehiem kien qed isir biex nippruvaw nagħmlu twinning magħhom fl-agrikultura, kultura, patrimonju u żgħażagħ. Hu qal li delegazzjoni ta' 2 għalliema kienu diġa# żaru l-iskola ta' Helen Keller.

Karmenu Farrugia issuġġerixxa li għandna nagħmlulhom stedina għal-laqgħa soċjali mal-membri tal-Kunsill.

21.03.06 Issemmiet il-laqgħa soċjali tal-Kunsill u staff li kellha ssir fl-okkażżjoni tal-Milied li kellha titħassar minħabba li ħabtet ma' attivita' tar-Reġjun. Sar qbil li tiġi mifthiema ġurnata oħra biex din issir.

21.03.07 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qed jiġi organizzat 'Yoga on the chairs' mill-Active Ageing, kull nhar ta' Ġimgħa fiż-Żurrieq u li xtaqu li nippromwovu din l-attivita' mal-komunita' tal-Qrendi.

21.03.08 Rigward it-tender tat-tkomplija tal-binja tal-Kunsill, is-Sindku qal li għadhom kemm waslulu l-ispeċifikazzjonijiet u li biex din titlesta' kien stmat li n-nefqa tkun ta' €230,000 u €80,000 għall-għamara.

Karmenu Farrugia qal li dawn kellhom jaslu sal-aħħar ta' Diċembru u li kien reġa' ntilef xahar ieħor. Is-Sindku wieġeb li kien ċempillu diversi drabi u li ma kellniex alternattiva oħra għax jekk inbidluh intawwlu iktar żmien.

Anthea Sacco ssuġġeriet li m'għandiex noqgħodu nistennew li nirċievu l-fondi mill-iskemi u li din il-binja, flimkien mal-berġa, għandha tibda tintuża mill-aktar fis u proponiet li għandhom jintużaw il-fondi tal-kunsill.

Anthea Sacco staqsiet meta hu ppjanat li din il-binja tinfetaħ. Is-Sindku wieġeb li fi żmien 6 xhur sakemm ma jinqalawx iktar problemi u jekk ikun hemm min hu nteressat jitfa' t-tender.

Karmenu Farrugia talab li dan it-tender joħroġ mill-aktar fis għax ma stajniex inkomplu ntawwlu u li għandna nżommu responsabbli lill-inġinier u l-perit għal dan il-ħela ta' żmien. Qal ukoll li ma kienx sew li lir-residenti bagħtnihom f'lokalita' oħra biex jieħdu t-tilqima tal-influwenza u li almenu darboħra kellna norganizzawlhom trasport.

**21.04 Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

21.04.01 Anthea Sacco qalet li kienet ċemplet lis-Sindku u talbet li ż-żbir tas-siġar tal-ħarrub li kien ser isir fl-inħawi ta' Ħal-Lew jitwaqqaf sakemm jieħu deċiżjoni l-kunsill għax kien ikkuntattjawha residenti li ma ridux li dawn jinżabru.

Karmenu Farrugia qal li kienu kellmu anke' lilu u li dawn kienu ilhom snin twal u li kienu qed joffru li dawn jinżabru minnhom jew li għall-inqas ikunu nfurmati minn qabel meta jkunu ser jinżabru.

Is-Sindku qal li hu diġa' kellu 3 kwotazzjonijiet kif ukoll il-permess tal-ERA. Qal ukoll li l-persuna li taqtahom kellha tkun reġistrata mal-ERA.

Sar qbil li meta dawn jinżabru għandna ninfurmawhom minn qabel biex ikunu preżenti.

21.04.02 Anthea Sacco qalet li fi Triq il-Kartaġaniżi hemm bżonn li jinqata' l-ħaxix u li l-bushes ta' Ġnien il-Warda kellhom jiġu miżbura għax qegħdin ta' ostaklu.

21.04.03 Anthea Sacco qalet li kienet reġgħet bagħtet lil tal-Cleansing għax ma kienux wieġbu għat-talba ta' laqgħa magħhom biex jinħaslu u jitnaddfu żoni fil-lokalita'. Hi qalet li tkellmet ma' Ramon Deguara u kienu ftiehmu li kull xahar tibgħatlu fejn inkunu rridu jnaddfu u jibgħat lill-ħaddiema. Qalet ukoll li għal dan ix-xahar kienet talbitu li jitnaddfu l-bandli u l-Ġnien tal-Warda minħabba l-attivita tal-Karnival. Hi talbet lill-membri li jekk ikollhom xi proposti jgħadduhomlha.

21.04.04 Marion Parnis qalet li kien waslilha lment li fi Triq il-Ġwiewel qed jgħaddu l-karozzi b'veloċita' u qed jittajru ħafna qtates u qniefed. Hi talbet biex isir 'sleeping police'.

Is-Sindku talabha tibgħat ritratt u l-post eżatt ta' fejn qed tipproponi li jsir pero' ma kienx jaqbel li dan isir u li aktarx kienet tagħmel maż-Żurrieq. Il-membri l-oħra ma qablux u ġie deċiż li Marion tibgħat il-lok eżatt u naraw jistax isir.

21.04.05 Anthea Sacco semmiet tindif li kien qed isir fil-binja u staqsiet jekk il-kunsill kienx jaf. Is-Sindku qal li dawn kienu tal-Omajco u li dan kien ser jitħallas mill-kuntrattur tal-binja u mhux mill-kunsill u li l-kont li konna rċivejna kellu jiġi njurat.

21.04.06 Nina Skye Briffa qalet li l-Kunsill tat-Tfal baqa' jiltaqa' regolarment fiċ-Ċentru tal-Kappillan fil-Qrendi u għandhom laqgħat skedati għal 3 xhur. Hi qalet li qegħdin grupp ta' 6 u li torganizzalhom attivitajiet interessanti u edukattivi.

21.04.07 Karmenu Farrugia qal li l-bozza ta' fuq il-bus stop ta' Triq it-Tempesta għadha maqtugħa. Is-Sindku qal li reġa' ntbagħtu reminders u anke' kellimna lilt al-customer care.

21.04.08 Karmenu Farrugia qal li hemm mera mkissra fi Triq San Niklaw. Is-Sindku qal li din kienet saret minn TM u għalhekk għandna nitolbu lilhom biex din tinbidel.

21.04.09 Karmenu Farrugia ssuġġerixxa li jsiru parking bays fejn l-ATM għax qed ikun hemm minn jipparkja bl-addoċċ. Anthea Sacco kompliet li qed ikun hemm resident qed jaqalaw iċ-ċitazzjonijiet. Is-Sindku qal li ma jħossx li kien hemm il-bżonn li dawn isiru u li n-naħa tar-residenti kien se jonqos il-parking jekk dawn isiru. Sar qbil li dawn isiru n-naħa tal-ATM.

21.04.10 Karmenu Farrugia semma' l-konfużjoni tal-pjazza minħabba l-karozzi tal-linja. Hu qal li f'xi ħinijiet qed ikun hemm 5 wara xulxin u jagħlqu pjazza. Hu talab li għandna nagħmlu laqgħa ma' TM biex insibu soluzzjoni. Is-Sindku ssuġġerixxa li dawn kellhom jibqaw tilgħajn minn mal-knisja jduru mal-ground u jerġaw jinżlu u jibqgħu ħirġien għal barra. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

21.04.11 Marion Parnis semmiet li qed ikun hemm karozzi tal-linja wiqfien fuq l-istage ta' quddiem il-klabb tal-boċċi u li dawn qed joħolqu periklu.

21.04.12 Anthea Sacco staqsiet dwar il-ħafna karozzi tal-kiri li qed ikun hawn ipparkjati madwar il-Qrendi. Is-Sindku qal li kien ilu jagħmel rapporti lill-Pulizija u lil LESA minn Diċembru u li fl-aħħar kienu kellmu l-Community Police kellmu lis-sid u qalilhom li kien se jneħħihom.

**21.05 Attivita' tal-Karnival 2026**

21.05.01 Anthea Sacco semmiet il-kundizzjonijiet tal-kuntratt li kien ġie iffirmat għal dan il-fond, u qalet li wara li kkonfermat ma' Dorianne Diacono tad-DLG, hi

kienet talbet 4 kwotazzjonijiet fejn kienet ikkuppjat ukoll lill-Kunsill, lil min seta' joffrilna pakkett ta' attivitajiet għal din l-attivita'. Anthea infurmat ukoll lill-Kunsill x'kien ser jiġi offrut f'dan il-pakkett. Qalet ukoll li kienet talbet 2 itfal mill-Qrendi biex ikantaw.

Karmenu Farrugia propona li jinbidel il-post tal-attivita' u li jitilqu mill-ground għall-pjazza jew ta' quddiem il-Knisja jew Ta' Lourdes. Anthea Sacco issuġġerit li jsir fil-Pjazzetta ta' quddiem il-Berġa jew f'Tal-Warda.

Sar qbil li din l-attivita' ssir fil-pjazzetta Tal-Warda, nhar it-Tlieta 17 ta' Frar mill-5pm sas-7.30pm.

**21.06 Jum il-Qrendi 2026**

21.06.01 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva 3 nominazzjonijiet għal Ġieħ il-Qrendi. Dawn kienu Francesca Cassar, Felix Zerafa u Joseph Farrugia (Il-Fises). Qal ukoll li kienu tqassmu r-regolamenti li fosthom kien hemm li ħadd mill-membri tal-Kunsill ma seta' jinnomina jew jiġi nnominat, li ħadd ma seta' jibqa' anonimu u li kull min jinnomina jew jissekonda m'għandux ikun membru tal-familja tal-persuna nominata.

Is-Sindku nforma lil Kunsill li konna ser nitolbu lil kull Soċjeta' fil-Qrendi, biex tinnomina persuna biex ikun rappreżentant tagħha fil-Bord tal-Għażla għal Ġieħ il-Qrendi u li kellhom ikunu l-Għaqda ta' Santa Marija, Ta' Lourdes, il-Kappillan, Scouts u tal-partiti politiċi. Qal ukoll li hu ser ikun iċ-Chairman tal-bord u li ma kienx ser ikollu dritt għall-vot. Karmenu Farrugia irrimarka li dan il-bord għandu jkun magħmul minn nies indipendenti.

Is-Sindku qal ukoll li l-voti kienu ser jibqaw anonimi u li r-riżultat ma kienx ser jixxandar qabel is-serata, lanqas mal-membri tal-Kunsill.

Marion Parnis irrimarkat li dan il-Ġieħ kellu jingħata lill-persuni li verament taw il-kontribut tagħhom lil Qrendi. Is-Sindku u Anthea Sacco qalu li għandna noqgħodu attenti li ma jintilifx l-iskop ta' dan il-Ġieħ.

21.06.02 Sar qbil li s-Serata għal Ġieħ il-Qrendi ssir nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Frar fis-7pm, fiċ-Ċentru Ċiviku u li kellhom jiġu mistiedna xi ħadd b'mużika klassika.

Ġie ssuġġerit li l-quddiesa ta' Jum il-Qrendi ssir fil-kappella ta' San Mattew nhar il-Ħadd, 21 ta' Frar, fil-11am.

**21.07 Proposta għal Traffic Management fi Triq Tabib Gregorio Mifsud / Triq Dun Nerik Mahoney**

21.07.01 Is-Sindku qal li kien irċieva talba biex Triq Tabib Gregorio Mifsud u Triq Dun Nerik Mahoney jiġu 'one way'. Il-Kunsill qabel li fil-mument ma tistax issir u li din il-proposta terġa' tiġi diskussa kif jitlesta x-xogħol kollu ta' dik iż-żona.

21.07.02 Marion Parnis staqsiet rigward it-talba li kienet saret għal 'sleeping police'. Is-Sindku wieġeb li konna bagħtna lir-residenti tal-madwar u kollha oġġezzjonaw ħlief residenta waħda.

21.07.03 Karmenu Farrugia staqsa meta ser tkun lesta t-triq. Is-Sindku wieġeb li kellhom jibdew l-iscarfying imma minħabba l-maltemp ix-xogħol qed jiġi pospost ta' kull darba.

Nina Skye Briffa talbet apoloġija għax kellha titlaq mil-laqgħa minħabba mpenji oħra.

**21.08 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti u Petty Cash**

21.08.01 L-Iskeda tal-Pagamenti (Laqgha 21) u l-Petty Cash tax-xahar ta' Diċembru ġew approvati unanimament. Dawn ġew iffirmati minn Anthea Sacco (Proponent), Karmenu Farrugia (Sekondant), mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**21.09 Għeluq tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss**

21.09.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7.45pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 24 ta' Frar, fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| David Michael Schembri | Rachel Aquilina |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |